**Graduation Ceremony 6**
**Graduand's Address**
**Monday 28 November 2011 at 1630hrs**
**JESUITS' CHURCH – VALLETTA**

**Rev. Paul Sciberras**
**Ph.D graduand and representative of the students**

Fit-teżi tad-dottorat tiegħi dwar it-traduzzjoni tal-Ewwel Ittra ta' San Pawl lit-Tessalonkin ta' Mons. Prof Pietru Pawl Saydon,[1] xtaqt nistudja lil wieħed mill-ġganti Maltin, ġgant kemm fil-qasam tal-Lingwa Maltija, kemm fil-lingwistika komparattiva, u kemm fl-istudji tal-Iskrittura. Saydon għadda tletin sena sħaħ, mill-1929 sal-1959, jaqleb il-Bibbja mill-ilsna oriġinali, il-Lhudi, l-Aramajk u l-Grieg, għall-ilsien Malti. U dan bdieh fi żmien meta l-Kwistjoni tal-Lingwa f'Malta kienet fl-eqqel tagħha. Imma meta ħarġet kollha minn idejh, Saydon seta' juri li l-Malti jista' jkun għodda siewja u xierqa għal xogħol xjentifiku, eseġetiku u letterarju bħalma hija traduzzjoni tal-Bibbja sħiħa mill-ilsna oriġinali.

Qablu kien hemm min ittanta jagħmel xi ħaġa: fl-1811 Cleardo Naudi, Professur tal-Kimika Sperimentali u tal-Istorja Naturali fl-Università, qaleb l-Evanġelju ta' San Ġwann bħala parti minn traduzzjoni tal-Bibbja sħiħa għaċ-*Church Missionary Society* tal-Anglikani. Iktar tard xierek miegħu lil Ġużeppi Cannolo, li fl-1822 qaleb għat-Taljan u l-Malti *Il Vangelo di Nostro Signore Gesù Cristo secondo Giovanni in lingua italiana e maltese secondo la volgata*. Kemxejn wara, fl-1829, Mikiel Anton Vassalli tana l-Erba' Evanġelji u l-Atti tal-Appostli. Bejn l-1895 u l-1924 Ġużè Muscat Azzopardi qaleb l-Erba' Evanġelji u l-Atti mit-Taljan tal-Isqof Antonio Martini, b'xi titwila lejn il-Vulgata. Wara dawn, mill-1926 sal-1932, Alfons Marija Galea, Dun Pietru Pawl Grima u Saydon qalbu l-Bibbja kollha għal ilsienna mil-Latin tal-Vulgata, ħlief għall-ewwel ħames kotba, il-Pentatewku, li qalibhom Saydon mill-oriġinal Lhudi.

Saydon kien l-ewwel wieħed f'Malta li qaleb il-Bibbja mill-ilsna oriġinali. Qablu kien hemm biss tnejn oħra li ppruvaw jaqilbu bċejjeċ żgħar mil-Lhudi: Mikiel Anġ Camilleri, li qaleb is-Salmi fil-Ktieb tat-talb Protestant *Book of Common Prayer* (*Ktieb it-Talb ta' Għalenija*) fl-1845, u Dun Karlu Cortis, li fl-1924 qaleb il-Ktieb ta' Rut għall-Malti u t-Taljan mil-Lhudi.

Sa Saydon traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti ma kinitx tagħmel wisq sens, għax kienu biss 23% tal-popolazzjoni Maltija li kienu jafu jaqraw, u minn dawn, il-biċċa l-kbira kienu aktarx jużaw it-Taljan u l-Latin. It-tabxa l-kbira nqalgħet meta t-traduzzjoni ta' Saydon, mitmuma fl-1959, ġiet biex tibda tintuża għall-qari pubbliku u fil-Liturġija mar-Riforma tal-Konċilju Vatikan II. Il-vokabularju użat minn Saydon u l-ordni tas-sensiela tal-kliem

[1] *Mgr Prof P. P. Saydon's version of 1 Thessalonians: An exegetical and tranlsation-critical study.*

fis-sentenzi tiegħu ma ntlaqgħetx wisq mill-poplu, u Saydon, milgħun bil-kbir fuq l-għalja li biċċa mid-dar tiegħu kellha titwaqqa' biex tagħmel il-wisgħa għal triq ġdida, ma riedx imiss it-traduzzjoni li kien għamel. L-*Għaqda Biblika Maltija*, taħt it-tmexxija ta' student u ħabib kbir ta' Saydon innifsu, Mons. Prof. Karm Sant, kellha tidħol għall-biċċa xogħol kbira, li lestiet f'volum wieħed fl-1984.

L-*Għaqda Biblika*, minn dik l-ewwel edizzjoni 'l hawn, tat il-Bibbja fi tliet edizzjonijiet mitbugħa oħra. Imma ħasbet ukoll li tlibbes it-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti bi lbies skont ħafna ħtiġijiet. Il-Bibbja ħarġitha f'CD-ROM interattiva u *searchable* fl-2005, f'format ta' ittri kbar fl-2008, u bit-Testment il-Ġdid f'format awdjo fl-2010. Imma rrid insemmi wkoll żewġ formati oħra ta' ħtieġa kbira. Fl-2005 ħriġna l-Bibbja sħiħa bil-Malti bil-Braille, u fl-2008 ħriġna *Ir-rakkonti tal-Milied skont San Mattew u San Luqa bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija*, b'kollaborazzjoni bejn il-Fakultà tat-Teoloġija u l-Istitut tal-Lingwistika ta' din l-Università.

Huma kollha modi dawn kif Ktieb magħluq għal ħafna, għax miktub b'ilsna li jafuhom biss l-istudjużi, jista' jinfetaħ biex juri l-għaqda bejn ħafna popli u kulturi, u wkoll tant modi ta' tkellim li Alla jagħmel ma' dawk li jemmnu fih. Huwa proċess ma jaqta' xejn ta' kif il-ħsieb joħroġ minn moħħ l-Awtur ewlieni tal-Bibbja għal dawk li lilhom irid iwassal kelmtu.

Għeruq il-Kristjani huma mingħajr ħjiel ta' dubju Lhud. Issa l-Ktieb tal-Bibbja Lhudija huwa maqsum fil-Liġi, il-Profeti, u l-Kitbiet … u f'dak l-ordni. Il-Ktieb tal-Liġi tat-Torà, Ktieb l-Istruzzjoni, jiġbor fih il-ħsieb li hemm f'moħħ u qalb Alla għall-Poplu tiegħu imqiegħed fi kliem miktub. Il-Profeti jikkummentaw Ktieb l-Istruzzjoni tat-Torà. Huwa biss wara dawn it-tnejn, li isimhom stess għandu x'jaqsam mal-kelma bil-fomm, li jiġi Ktieb il-Kitbiet. Il-Lhud, billi jiġbru l-Kanoni tal-Ktieb tagħhom f'dan l-ordni, u jsejħu t-taqsimiet tagħhom il-Liġi, il-Profeti u l-Kitbiet, qegħdin jgħidulna li l-ewwel tiġi l-kelma b'fomm u minn fomm Alla; imbagħad tiġi l-kelma b'fomm il-Profeti … wara dawn tiġi l-kelma l-oħra … dik miktuba.

Reliġjon monoteista bħalma huwa l-Ġudaiżmu rabat rabta sħiħa flimkien l-influwenza tal-kitba mat-twemmin f'Alla wieħed. Prova ta' dan hija t-tbarrija ta' kull tixbih imnaqqax jew imsawwar tad-divinità. Ktieb l-Eżodu jamar hekk: "La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa li hemm fl-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art" (20,4). Hemm x'wieħed jomgħod fil-fatt li dan l-amar ta' stmerrija lejn ħwejjeg ta' qima fix-xbihat huwa hu nnifsu minqux propju fuq twavel miktuba jew minquxa tal-Patt bejn Alla u l-Poplu Lhudi! Minħabba dak li kien fihom dawn it-twavel, saru huma nfushom simboli ġodda ta' qima kbira u għeliem tanġibbli tal-preżenza traxxendenti ta' Alla. Miżmuma b'għożża liema bħalha fl-Arka, it-twavel kienu ċ-ċentru ewlieni tal-qima fit-Tabernaklu u fit-Tempju, u aktar tard, saru l-fus tal-qima Lhudija fil-kopji tagħhom fis-sinagogi. Jekk il-Lhud attribwew it-twavel tal-Patt lis-saba' ta' Alla bħala awtur tagħhom, il-mudell tal-Patt kien mibdul, u sar il-mezz biex il-Lhudi joqrob biex jifhem lil Alla tiegħu. Il-mezz tal-kitba għalhekk ħall il-kobba mħabbla ta' kif

wieħed seta' jirrappreżenta fiżikament lil Alla traxxendenti u ma jidhirx. Minn hemm 'il quddiem, mhux biss il-kontenut tal-Patt, imma wkoll l-arti tal-kitba nnifisha, saru fatturi ta' influwenza kbira tad-din Lhudi u l-Ġudaiżmu mwaħħar.

Il-Liġi fis-sura miktuba tagħha kellha vantaġġ ieħor għax swiet biex twaqqaf verżjoni awtorevoli tal-esperjenza reliġjuża li wasslet għall-kanonizzazzjoni tat-test, li miegħu xejn ma seta' jiżdied aktar u li minnu xejn ma seta' jitnaqqar jew jitnaqqas (Dt 4,2; 13,1). Għalkemm kien jixxandar u jinqara bil-fomm, f'okkażjonijiet ta' festa jew saħansitra fi ħdan il-familja nnifisha, baqgħet dejjem is-sura miktuba li kienet tankra dak li Alla ried mill-Poplu tiegħu f'moħħ u qalb kull Lhudi.

Il-Lhud, lill-Kelma ta' Alla miktuba f'ilsienhom, kienu jqisuha sagrosanta; kienu jqisu li Kelmet Alla hekk biss, fi lsienhom, setgħet tinkiteb. Imma wasal żmien meta huma wkoll għamlu pass ta' kuraġġ kbir … biex Alla seta' jkompli jkellimhom fis-suriet u l-għamliet ġodda ta' dinja li ma baqgħetx magħluqa f'arthom biss. U l-Bibbja qalbuha fil-Grieg! Taf x'ifisser qalbuha fil-Grieg ? … Huma, il-Lhud, il-Bibbja tagħhom qalbuha fi lsien il-Ġnus, ilsien il-pagani! U Alla xorta baqa' jkellimhom f'dik l-għamla ġdida ta' Kelmtu miktuba.

Aħna wkoll illum, bi proġetti ta' traduzzjoni tal-Bibbja fi lsienna bħal dik ta' Saydon, dik fuq CD-ROM, tal-Braille u l-ieħor għadu fin-nieqa tiegħu, fil-Lingwa tas-Sinjali Maltija, qegħdin ngħidu: il-Bibbja hija għal kulħadd … ukoll għal min għalih il-kliem ma jiħux l-għamla ta' ittri u sentenzi miktuba u moqrija bl-għajnejn, imma bit-tarf tas-swaba, jew inkella ta' ħoss maħluq min-nifs, l-għonq u l-fomm, imma xorta waħda għandu twieqi oħra minn fejn jittawwal fil-qalb ta' Alla.

Hekk kif meta l-persuni neqsin mid-dawl jaqraw Kelmet Alla bil-Braille, il-Kelma ssir dawl fid-dlam tagħhom, hekk issa dawk neqsin mis-smigħ xorta jistgħu jibdew ikunu jafu kemm hi 'musbieħ għal riġlejja l-kelma tiegħek' (Salm 119,105), u 'jduqu u jaraw kemm hu tajjeb il-Mulej' (Salm 34,9), li jrid ikellem lilhom ukoll fin-nuqqas tal-kliem bil-fomm, billi jiltaqgħu ma' kelmtu miktuba bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

Fil-qofol imbagħad tal-Istorja tas-Salvazzjoni l-istorja terġa' ttenni ruħha: "Il-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu" … jew, kelma b'kelma mill-Ilsien Grieg kif kitbu fil-Prologu tiegħu l-evanġelista Ġwanni: 'Il-Verb sar laħam u waqqaf it-tinda tiegħu f'nofsna, u aħna lmaħna l-glorja tiegħu'. Jien u int u l-bnedmin tad-demm u l-laħam bħalna nistgħu nilmħu lil Alla bla bidu u bla tmiem, li ma tistax tarah jew taħfnu … propju hekk: fi bniedem tad-demm u l-laħam li huwa l-istess Kelma/Verb ta' Alla!

Fl-1940 Jean Paul Sartre, maqful fi *Stalag* tal-priġunieri tal-gwerra fi Trier fil-Ġermanja, ikkompona Storja tal-Milied li semmieha *Bariona ou le fils du tonerre* biex tiġi rreċtata hemm fil-kamp innifsu lejlet il-Milied ta' dik is-sena. Qisu li dan il-filosfu ateu jintlaqat għal mument mid-delikatezza tax-xena tal-ewwel Milied, imma fiha ried juri lil Ġesù bħala parti mir-reżistenza Lhudija kontra l-ħakma Rumana, qisha mera tar-reżistenza

Franċiża kontra l-ħakma Nażista Ġermaniża. Biex nuru kif il-Kelma f'kull sura tagħha tagħtina ħjiel ħaj ta' Alla traxxendenti u infinit, jgħodd qatigħ għalina l-mod kif Sartre laħħam l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù b'dawn il-versi:

> Kristu huwa l-iben tagħha [*ta' Marija*], ġisem minn ġisimha u frott tal-ġuf tagħha. Hi ġarritu fiha għal disa' xhur u offrietlu sidirha biex il-ħalib tagħha jsir id-demm ta' Alla. Hi ħasset fiha kemm li Kristu huwa binha, iċ-ċkejjkuni tagħha, u kemm li hu Alla! Hi tħares lejh u taħseb: 'Dan Alla hu ibni. Dan il-ġisem divin huwa ġismi. Hu magħmul minni; għandu għajnejja, u l-forma ta' fommu hija l-forma ta' fommi. Hu jixbahni. Huwa Alla u jixbah lili!' Ebda mara ma qatt kellha lil Alla għaliha waħidha bħalha b'dan il-mod. Alla ċkejjkuni li stajt terfgħu fuq dirgħajk u timlieh bil-bews. Alla sħun sħun li jitbissem u jieħu n-nifs. Alla li stajt tmissu u li hu ħaj.

Dan hu dak li l-evanġlista Ġwanni jiġbru f'kelma waħda: il-Kelma ta' Alla. Tfakkarna fl-Innu Medjevali Gregorjan *Ave verum Corpus / natum de Maria Virgine*, 'Sliem, Ġisem veru / mwieled minn Marija Verġni', li għall-kliem tiegħu Mozart, Schubert, Gounod, u tant oħrajn sawru mużika mill-isbaħ.

Il-Kelma ssir xbieha, anzi tarbija, li għandha wiċċ, leħen, u qalb tħabbat għall-bnedmin. Ippolitu ta' Ruma, fit-tielet seklu, kien ħareġ b'din l-espressjoni: "Alla sar bniedem, wieħed tal-istess għaġna tagħna l-bnedmin." Huwa lussu dan tiegħi u tiegħek li nista' jien u int ikollna Kelmet Alla miktuba f'idejna, ħalli jkellimna fiha, ikellimna biha, u fiha jkellimna fuqna stess, u aħna nistgħu nilbsu l-esperjenzi ta' dawk il-protagonisti tad-demm u l-laħam bħali u bħalek li jgħixu fiha, u nkellmuh lura fiha.

Dak li għamel Saydon, dak li għamlu tant oħrajn warajh, kollha taw xhieda tal-verità tal-qawwa tal-kelma, fit-tant u tant forom u lbiesi tagħha. Il-ħsieb sar kelma; il-kelma saret kliem ieħor; il-kliem sar ħsus; sar xbihat ... imma kollha huma ħjut li jgħaqqdu lill-bniedem ma' Dak li tiegħu hija l-Kelma.